MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2009

Numru. 91/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**versus**

**Dean Martin**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Dean Martin ta’ 24 sena iben Raymond u Anna nee Bonnici mwieled il-Pieta’ fis-27 t’Awwissu 1980 residenti number 5 Block N Triq iż-Żnuber Sant Lucija u li għandu l-karta tal-identita’ bin-numru 407080 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fis-17 t’Ottubru 2004

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta lill-

persuna/I jew ghall-persuna jew persuni mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma ien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-Presdient ta' Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kein fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħar ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) u aktar talli fis-17 t'Ottubru 2004 u fix-xhur ta' qabel f'awn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-Liċenzja mill-Presdiednt ta' Malta li jkollu d-driga msemmija fil-pusses tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-egoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussesgwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

ċ) F'każ ta' ħtija l-Qorti hija mitluba tittratta mal-imputat Dean Martin talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin u multa ta' Lm500 mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-11 ta' Diċembru 2002 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 4070 tal-1980, il-fedina penali tal-imputat, l-ordni tal-avukat ġenerali tal-11 ta’ Frar 2005, l-istqarrija tal-imputat, il-kopja tas-sentenza (Dok DT 2), il-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifsud (fol 33) sabiex janalizza d-droga esibita u r-relazzjoni tal-istess Mario Mifsud a fol 43.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fis-17 t’Ottubru, 2004, PC 10 u PC 599 raw lill-imputat dieħel fil-karozza Toyota. Minn idejh huma elevaw borża bi trab kannella. Kuntatt bejn l-imputat mal-persuan l-oħra ma leħaqx sar għax intervenew il-Pulizija. Kien PS 1086 li eleva l-borża minn idejn l-imputat. (Ara x-xhieda ta’ PS 1086 Johan Micallef fol 12 et u ta’ PC 10 Trevor Cassar a fol 18.

Mill-istqarrija tal-imputat jirriżulta:

*‘Ngħid li hu talabni nagħmillu pjaċir u nġiblu erba’ grammi droga eroina. Jien peress li jein addict għall-eroina wkoll iddeċidejt li fil-fatt inġib ħamaes grammi u dik il-waħda żejda nħallasha billi b’li kont ser naqla’ minn fuq l-erba’ grammi u magħhom inżid għaxar liri oħra.’*

Lill-persuna l- oħra kien ser ibiegħhilha l-erba’ grammi għall-prezz ta’ Lm120.

L-imputat qal li kien ilu bil-vizzju tad-droga għal dawn l-aħħar erba’ jew ħames snin.

Mix-xhieda forensika jirriżulta li d-droga misjuba kienet eroina u kienet tammonta għal 4.843 grammi.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Dwar l-ewwel imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ġabet xhieda okulari u forensika li turi li l-imputa kien ser ibiegħ id-droga lil ħadd ieħor. Barra dan l-istqarrija tal-imputat tammonta hija ċara biżżejjed.

Il-bejgħ ma sarx għaliex dan kien frustrat mill-Pulizija u għalhekk il-Qorti qed issib lil-imputat ħati ta' tentattiv ta' bejgħ tad-droga liema reat huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni. Għat-tentatttiv, l-artikolu 22(5) tal-Kap 101 jipprovdi li hemm l-istess piena daqs li kieku r-reat kien konsmat.

It-tieni imputazzjoni – pussess ta' droga – hija wkoll ippruvata stante li l-imputat inqabad bid-droga f'idejh. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni li pero' hija assorbita fl-ewwel waħda

Dwar it-tielet imputazzjoni l-Qorti, wara li eżaminat is-sentenza esibita, qed tiddikjara li fil-fatt din hija ġudizzju kontra persuna oħra minkejja li jidher isem l-imputat u dan għaliex kien hemm separazzjoni tal-ġudizzju. Ġaladarba ma saritx il-prova, il-Qorti ser tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.

## Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u 22(5) tal-Kap 101 kif ukoll l-artikolu 28B tal-Kap 9 qed issib lillp-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda ai fini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9 u qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra li l-fedina penali tal-imputat mhix waħda nadifa. Ma jidhrilhiex li hemm dettalji biżżejjed biex jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101.

Filfatt il-Porsekuzzjoni m'għamlet ebda dikjarazzjoni f'dak is-sens.

Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' għaxar xhur  u għall-ħlas ta' multa ta' €700 liema multa tista' titħallas b'rati ta' 70 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħalls f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 mhux imħallsa.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-perit maħtur mill-Qorti liema spejjeż jammontaww għal €348.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------